# Arti u Artiġjanat Mellieħi

*Clayton Vella*

Wara l-ħin tax-xogħol jew f'waqtiet liberi oħra, bosta huma dawk li jipprattikaw xi tip ta' passatemp fil-kwiet ta' darhom, f'xi garaxx jew qalb il-kwiet tal-kampanja Maltija. Hemm min jagħtiha għall-pittura jew ritratti. Issib oħrajn li jħobbu xi sengħa partikolari u b'hekk it-talent tagħhom isarrfuh f'xogħol ta' artiġjanat ta' preġju kbir. Kien għalhekk li l-grupp taż-żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial ħarġu bil-ħsieb li jorganizzaw wirja ġewwa l-każin bħala parti minn attivitajiet li ntellgħu aħna bħala grupp ta' żgħażagħ. Wara ftit ta' żmien ġie l-ħsieb li tittella' Wirja ta' Arti u Artiġjanat, fejn il-ħsieb wara din kien li dan it-talent u din il-kapaċità jkunu jistgħu jiġu apprezzati aktar. Ħsieb ieħor li kellna kien li d-donazzjonijiet li jinġabru minn din il-wirja jmorru b'risq id-Dar tal-Providenza ġewwa s-Siġġiewi.





Il-wirja ttellgħet bejn il-25 ta' Marzu u t-3 t'April ġewwa s-Sala Imperial. Għal din il-wirja kellna xejn anqas minn 17-il esebitur, kollha Melleħin. Ix-xogħlijiet esebiti kienu jvarjaw minn xogħol bl-arkett, bil-ġebel, bil-ħajt, mudelli ta' dgħajjes, mudelli ta' karozzi kif ukoll pittura u fotografija.

Il-Wirja ġiet inawgurata kif ukoll imbierka mill-Kappillan Fr Joe Caruana, nhar il-25 ta' Marzu, fejn ġew mistiedna membri minn kull għaqda li għandna ġewwa l-Mellieħa kif ukoll rappreżentant mid-Dar tal-Providenza. Waqt riċeviment tal-ftuħ ġie mogħti bħala apprezzament ċertifikat lil kull esebitur bħala radd ta' ħajr għas-sehem tagħhom f'din il-wirja. Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sur John Sammut, direttur ta' JDS Furniture, kif ukoll lis-Sur John Sammut, direttur tal-Mejda tal-Appostli, għall-materjal li għoġobhom isellfuna sabiex setgħet tiġi attrezzata s-Sala u tkun tista' tittella' wirja. Ħajr ukoll lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.



Waqt il-ġranet tal-wirja kellna wkoll il-mezzi tax-xandir fejn inġibdu filmati kif ukoll saru intervisti li ġew murija fuq il-mezzi lokali. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-mezzi tax-xandir għal dawn

l-intervisti, illi kienu ta' reklam kbir għal din il-wirja.

Kif semmejna fil-bidu ta' dan l-artiklu, għall-wirja kellna 17-il esebitur li esebixxew għal din il-wirja. Dawn kienu: Frans Vella – Arkett, Anthony Galea, John Debono, John Vella, Joseph Grima – Ġebel, Emanuel Dimech – Mudelli ta' Dgħajjes, Joe Fenech – Mudelli bil-ħajt, Carmel Borg – Mudelli ta' Karozzi, Carmelo Fenech – Nases tal-Qasab, Emanuel Caruana – Sulfarini, Anthony Fenech, Carmel Bonello, Christopher Bartolo, Gilbert Fenech, Janet Vella, Ruth Borg – Pittura, Carmen Cini, Jimmy Muscat, Ivan Vella – Ritratti.

Id-donazzjonijiet li għoġobhom jagħtu dawk kollha li ġew iżuru l-wirja telgħu għas-somma sabiħa ta' €1060. Dawn il-flus ġew mogħtija lil Fr. Martin, direttur tad-Dar tal-Providenza, waqt il-programm annwali ta' Ħadd il-Palm, nhar il-Ħadd 17 t'April, imtella' mill-Għaqda Mużikali Imperial ġewwa s-sala tal-Kulleġġ Marija Reġina, Mellieħa.

Nixtieq nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nirringrazzja lill-esebituri kollha li ħadu sehem f'din



il-wirja li mingħajrhom ma setgħetx tkun possibbli, lil sħabi ż-żgħażagħ tax-xogħol li għamilna flimkien biex il-wirja setgħet tkun suċċess u fl-aħħar iżda mhux l-inqas lil kull min ġie jżur il-wirja. Grazzi tal-kummenti pożittivi li kellna kif ukoll tad-donazzjonijet li ngħataw għal għan hekk nobbli.











